# IT-TRIQ TA' DAMASKU

Minn Għammân, il-belt ewlenija tal-Ġordanja, taqbad it-triq għal Damasku, li hi fis-Sirja. Għamman hi belt kbira u għanja, tagħmel 'il fuq minn 200,000 ruħ, u hi hekk qadima li fi żmien il-Griegi u r-Rumani kienet imsemmija Filadelfja. Taħt il-ħakma tar-Rumani kienet tagħmel sehem mid-Dekapli, f'għaqda ta' għaxart ibliet ħielsa; u hekk kienet ukoll fi żmien Ġesù Kristu. Hawn, aħna l-Franġiskani ta' għana tagħha, hekk li l-lum ma turix għajr ħjiel minn dak li darba kienet. Ta' min ifakkar imma, li l-fdalijiet li għad hemm ta' dik il-belt għadhom juru sewwa l-kobor li kellha fiż-żminijiet imgħoddija, għax is-swar, bil-bwieb kbar tagħhom, l-Ark tar-Rebħa, il-misraħ, jew ippodrom għat-tiġrijiet tażżwiemel, u xi tijatri u banji tar-Rumani, għadhom ħafna miżmuma tajjeb, u jixhdu fil-beraħ il-qawwa u l-għana li



Dehra tal-belt ta' Damasku, fis-Sirja.

l-Art Imqaddsa għandna Kulleġġ jew Skola kbira, imgħammra b'kull ma jeħtieġ għat-tagħlim u miżmuma tajjeb ħafna, magħrufa bl-isem ta: "Terra Sancta College".

Ma' dwar 35 mil 'il fuq minn Għamman hemm l-imsemmija belt oħra ta' Gerax, li hi wkoll waħda mill-għaxart ibliet tad-Dekapli u li nżammet wieqfa tajjeb sal-lum fost il-bliet tax-Xerq Nofsani. Din kienet fl-aqwa tagħha fl-ewwel żminijiet tad-Din Nisrani, imma mbagħad billi nfetħu triqat ġodda u aħjar għax-xerrejja u l-bejjiegħa, il-belt marret lura u waqgħet mis-swieq u l-darba kellha l-belt ta' Gerax(a).

It-triq ta' Damasku, imsemmija dejjem b'għożża kbira għal dak li ġarrab fiha r-Rasul Missierna San Pawl, il-lum ma għandhiex x'taqsam ma' dak li kienet fi żmien Sidna Ġesù Kristu. Imwittija u mnaddfa minn kull xkiel, miksija b'asfalt mill-aktar mieles, minnha, karozza tan-nar fi ftit siegħat twasslek fil-qalba tal-belt ta' Damasku, fejn dak iż-żmien, il-qilli Sawlu, kien ried, bejn wieħed u ieħor gimgħa sħiħa biex jasal minn Ġerusalem. Wara t-tħaġġir tad-Djaknu San Stiefnu f'Ġerusalem, Sawlu ta' Tarsu kien telaq kollu qilla biex

jaħfen taħt setgħetu u jaħqar lil dik il-ġemgħa ta' Nsara li kienet f'Damasku, meta Ġesù Kristu f'daqqa waħda jidhirlu u jgħidlu: "Sawl. Sawl, għax qiegħed taħqarni?"

"Int min int, ja Sidi?" wieġeb Sawlu. "Jien hu dak Ġesù li inti qiegħed taħqar. U Sawlu mriegħed u mibdul ra u qatt mitluqa, hija l-lum ukoll il-belt ewlenija tas-Sirja. Għal għana u l-kobor tagħha tisboq lil belt ta' Haleb jew Aleppo, billi fiha jgħammru m'hux inqas minn 400,000 ruħ. Triqat sbieħ, twal u wesgħin, ma' għadd bla qies ta' bini ġdid, għoli u kbir, jagħtu dehra li hija tas-sew belt kif titlob is-sengħa ta'



**Damasku. — Il-Grotta fejn San Pawl għamel it-tewba wara li deherlu u kellmu Kristu. (Minn barra)**

wieġbu: "Ja sidi, x'għandi nagħmel?" U Ġesù qallu: "Qum, mur fil-belt u hemm jingħadlek x'għandek tagħmel". Dawk li kienu miegħu beżgħu, għax semgħu l-leħen, imma 'l ħadd ma raw U Sawlu qam mill-art u meta fetaħ għajnejh sab li kien għama. Iżda huma tawh idejhom u mexxewh lejn il-belt (Acta, IX, 4-8).

Damasku, bħala l-eqdem belt fid-dinja, għax dejjem baqgħet imgħam żmenijietna. Biss wieħed ma hemmx għal fejn jimxi wisq biex mill-qalba tal-belt jasal fil-ħariet tal-Għarab, b' dawk it-triqat tagħhom dojoq-dojoq u milwijin, imma mgħammrin b'mijiet ta' ħwienet ta' kull għamla u ta' kull ġens.

It-Triq id-Dritta, li fiha Sawlu kien immexxi wara li kellmu Kristu u nbidel fih innifsu, għadha hemm sal-lum. Hi triq mill-aktar imxegħla fil-belt, min-

ħabba l-bejgħ u x-xiri bla ħedu li jsir hemmhekk. Fin-naħa l-waħda u l-oħra ta' dik it-triq, serbut ta' ħwienet ta' kull għamla u ta' kull daqs, u hemm jinbiegħ ukoll dak il-qmax li aħna nsejħulu **damask,** li jiżżejnu bih in-nisa, id-djar u l-knejjes tagħna. Imma fuq kollox hemm issib l-isbaħ xogħlijiet ta' tinqix fuq il-għuda u fuq ir-ramijiet li trid tas-sew seba' għajnejn biex thares lejhom.

Fit-triq imsemmija Ħaret in-Nasara, il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imukoll Parroċċa u Dejr bl-isem ta' San Pawl.

U hawn ma nistax ma nfakkarx dak il-jum, 22 ta' Awissu 1956, meta Pellegrinaġġ Malti wara li kien żar b'qima kbira l-Imqades tal-Fidwa tagħna li hemm f'Israel u fil-Ġordanja, wasal f'dan il-Maqdes ta' San Pawl, wisq għażiż għalina l-Maltin. Għadni niftakar qisu issa: malli dħalna hemmhekk qalbna bdiet tferfer bil-ferħ għad-dehra tax-xbiha ta' l-Appostlu Missierna f'dak l-imkien, u ħarġet dlonk minn qalb-



**Damasku. — Grotta ta' San Pawl. (Minn ġewwa)**

qaddsa għandha knisja żgħira taħt l-art, fejn darba kienet id-dar ta' Hananija, li lilu Kristu kien deherlu fil-ħolm u amarlu biex imur ifittex lil Sawlu. "Qum", qallu, "mur fit-triq id-dritta, u fittex fid-dar ta' Jeħuda wieħed li jismu Sawlu minn Tarsu". F'dan l-imkien ir-rħieb Franġiskani għandhom

na u minn fommna t-tislima lil Appostlu tagħna. Qatt daqs dik in-nhar ma tgħanniet b'ħeġġa akbar it-tislima tagħna lil Missierna: "Sancte Paule Apostole!" u ma nqasniex le, li nitolbuh bil-ħerqa li jħares dejjem: "Lil din l-Art ħelwa, l-Omm li tagħtna isimha!" Qatt daqs dik in-nhar ma ħassejna f'

qalbna lil Pawlu marbut magħna.

San Hananija kien aktarx wieħed minn dawk id-dixxipli ta' Ġesù li wara kien mar ma' San Pawl f'Kajsarija. Żmien il-ħoqrien ta' l-Insara f'Ġerusalem, meta kien imħaġġar u maqtul San Stiefnu, hu kien ħarab lejn beltu, Damasku. U għal hekk wieġeb lil Kristu, meta amarlu jmur ifittex lil Sawlu f'dar Jeħuda: "Ja Mulej, smajt minn ħafna fuq dar-raġel, kemm ħsara għamel lil qaddisin tiegħek f'Ġerusalem!" Jingħad li d-dar ta' Jeħuda li fiha Hananija ltaqa' ma' San Pawl u għammdu, inbniet fuqha l-knisja tal-Misilmin, imsejħa Gegħmat il-Magħrabin. U l-ħitan li minnhom San Pawl kien imħarrab ġewwa qoffa biex jeħles mill-qilla tal-Lhud huma mkien imqaddes li jżuruh iż-żawwara Nsara ta' kull ġens.

Damasku hija l-belt għanja u għammiela li tieħu l-ilma tagħha bix-xaba' mix-xmara msemmija Naħar il-Bârda. Minn din ix-xmara jittieħdu għadd kbir ta' swieqi li jaslu fl-inħawi kollha u li bihom jissaqqew għadd kbir ta' ġonna u ta' raba u ta' mxietel, li jagħtu kotra bla qies ta' għelejjel u frottijiet, u jitrabbew u jikbru kull qabil ta' bhejjem. B'hekk il-belt ta' Damasku dejjem kienet u hija l-lum ukoll il-belt ta' swieq kbar u tigbed lejha żawwara mid-dinja kollha għas-sbuħija u l-ġmiel tagħha. Jingħad li Muħammed ma riedx jidħol f'din il-belt, għax qal li ma jridx jidħol il-ġenna darbtejn.

F'Damasku wkoll il-knejjes Misilmin huma bla għadd u mill-aktar sbieħ, l-aqwa fosthom hija dik tal-Ummajad, jiġifieri slaten mill-ġidd ta' Muħammed, li kienet mibnija fis-seklu XIII. Wieħed jista' jara hawnhekk ukoll il-qabar tas-Sultan Saleħ id-Din, li kien rebaħ għal kollox lis-Salibin, jew, kif igħidulhom bit-Taljan "Crociati".

Hemm bliet oħra fis-Sirja li ma humiex ta' min imaqdarhom, l-aktar minħabba l-ġrajjiet magħrufa tagħhom; Rumani u Bisantini ħallew fihom tifkiriet u fdalijiet li jitkellmu minn dak li għadda minnhom. Fost dawn il-belt qadima ta' Haleb jew Aleppu, biċ-ċitta



Damasku. — Id-Dar ta' San Hananija, il-lum Knisja tal-Franġiskani.

della tagħha, bit-tijatru Ruman ta' Palmira u bil-wisq imsemmi kastell tal-Kavalieri ta' Homs. L-akbar għadd ta' nies tas-Sirja jgħammru fin-nħawi ta' Damasku, billi f'dawk l-inħawi l-ilma għat-tisqija ma jonqos qatt. Mill-bqija, sehem kbir minn dik l-art huwa xori li fih jgħixu biss Għarab imsemmija Bedu, fost l-akbar faqar. Il-ġrajja Sirja għandha m'hux ftit tfixkil ġewwieni fit-tmexxija tagħha nfisha bħala ġens. Iżda xi gid sar ukoll, l-iżjed fil-bjiedja. Qegħda wkoll tagħmel kull ma tista' biex iżżid il-għadd ta' l-iskejjel, għat-tagħlim fost l-kotra.

Aħna, mill-ftit tagħna, ma nistgħux ħlief nitolbu lil Sidna Ġesù Kristu li jmiss il-qalb tal-mexxejja tas-Sirja bħal



Damasku. — Bab Tuma, minn fejn l-Insara ħarrbu lil San Pawl.

tas-Sirja tgħodd eluf ta' snin, għal kemm bħala Republika hi l-aktar ġdida fost il-ġnus, billi nħallet għal kollox minn Franza m'hux aktar minn tnaxer sena ilu. Ħtija ta' l-indaħil tal-Kommunisti u tan-Nazzjonaliżmu żejjed u aħrax imqanqal minn Nâser, il-lum is-ma kien għamel sekli ilu meta kellem lil Missierna San Pawl fit-triq ta' Damasku.

P. Nikola Magro O.F.M.

———

(a) Ara l-artiklu fuq Gerax fil-ħarġa ta' qabel din.

---

*Fis-seme ma fix Rabbejn, u għal ard ma fix ħabbejn* — (Fis-sema ma hemmx żewġ allat, u fl-art ma hawnx żewġt iħbieb). Jiġifieri, bħal ma fis-sema ma jistax ikun hemm żewġ allat, imma Alla wieħed, hekk ukoll fl-art ma jinsabux żewġt iħbieb ta' bil-ħaqq. In-nies taddinja, jinħabbu kemm jinħabbu, dejjem ikollhom ftit tal-għira moħbija wieħed għall-ieħor.